**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1766/01JR**

**The Performing Right Society Limited**

**vs**

**Vincent Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Novembru, 1999, fejn intalab il-hlas ta' Royalty fl-ammont ta' erbghin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm40.58) dovut bil-quddiem, import tal-fattura datata 7 ta' Mejju, 1999, (Dok.A) in konnessjoni mal-licenzja Nru.010887 (Dok.B) rilaxxata mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment ghall-perjodu mis-6 ta' Gunju, 1999, sal-5 ta' Gunju, 2000.**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Awissu, 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbghin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm40.58) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Gunju, 1999, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Awissu, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**